# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**
**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 28 ta' Frar, 2001**

**Numru 121**

**Citaz. Nru. 1077/93GV**

**Doc. 25-01**

**Paul, Carmelo, Salvatore u Vincenza mart Anthony Borg ahwa Saydon**

**vs**

**Ian Pecorella, Oliver Lautier u Martin Farrugia**

**Il-Qorti,**

**PRELIMINARI**

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi ippremettew illi huma proprjetarji ta' bicca art li tinsab f'Tal-Ibragg, St. Andrews maghrufa bhala ' Ta' San Nicola', liema art tinsab retroposta ghat-tliet propjetajiet adjacenti tal-konvenuti.

U premess li fl-24 ta' Awissu, 1993, l-atturi indunaw li l-konvenuti unilateralment u illegalment invadew parti mill-imsemmija bicca art, ghamlu xoghol ta' thammil u bnew hajt ta' madwar tnax il-filata fuq l-istess art propjeta' tal-atturi.

U premess illi l-agir tal-konvenuti jikkostitwixxi spoll kif imfisser f'artikolu

535 tal-Kodici Civili.

L-atturi talbu li din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti ikkomettew spoll meta invadew, hammlu u bnew fuq l-art imsemmija propjeta' tal-atturi.

2. tikkundannhom sabiex jirrestitwixxu l-imsemmija art fil-pussess tal-atturi u dan fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-protest gudizzjarju ta' Awissu, 1993 kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol 3 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Pecorella u Lautier a fol. 7 fejn eccepew:

Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta peress li ma gietx istitwita fit-terminu u skond it-termini tal-ligi.

Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjenti ma invadew ebda art proprjeta' tal-atturi.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Martin Farrugia a fol.13 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-atturi ma jsegwux mill-premessi fis-sens illi r-rekwiziti ta' l-azzjoni ta' l-ispoll huma id-detenzjoni ta' liema xorta jkun jew il-pussess, u l-atturi ippremettew il-proprjeta'.

2. Illi konsegwentement u fil-mertu r-rekwiziti ta' l-azzjoni ta' l-ispoll ma jirrizultawx.

3. Illi l-konvenut jirriserva minn issa l-posizzjoni tieghu jekk l-atturi jibdlu jew jiccaraw il-premessi;

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-decizjoni preliminari taghha a fol. 125 u dik ta' l-Appell a fol. 154;

Rat il-verbal a fol. 238;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill Avukati difensuri;

**Talbiet**

L-atturi talbu lil din l-Onorabbli Qorti:

- Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti ikkommettew spoll meta invadew, hammlu u bnew fuq l-art propjeta' ta' l-atturi.
- Tikkundannhom sabiex jirrestitwixxu l-imsemmija art fil-pussess tal-atturi u dan fi zmien qasir u perentorju u li jigi lilhom prefiss.

**Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Pecorella u Lautier**

Il-konvenuti Ian Pecorella u Oliver Lautier eccepew is-segwenti:-

- Illi preliminarjament l-azzjoni attrici hija perenta peress li ma gietx istitwita fit-terminu u skond it-termini tal-ligi.
- Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-eccipjenti ma nvadew ebda art propjeta' tal-atturi.
- Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**<u>Nota tal-Eccezzjonijiet ta' Martin Farrugia</u>**

Il-konvenut Martin Farrugia eccepixxa li:-

- Illi t-talbiet ta' l-atturi ma jsegwux mill-premessi fis-sens illi r-rekwizit ta' l-azzjoni ta' l-ispoll huma d-detenzjoni ta' liema xorta jkun jew il-pussess, u l-atturi ippremettew il-propjeta'.
- Illi konsegwentement u fil-mertu r-rekwiziti ta' l-azzjoni ta’ l-ispoll ma jirrizultawx.
- Illi l-konvenut jirriserva minn issa l-posizzjoni tieghu jekk l-atturi jibdlu jew jiccaraw il-premessi.
- Salvi eccezzjonijiet ohra.

**Sentenza preliminari tas-27 ta' Gunju, 1996**

Illi b'sentenza tas-27 ta' Gunju, 1996, din l-Onorabbli Qorti cahdet l-eccezzjoni tal-konvenut Martin Farrugia bl-ispejjes ghall-konvenut, liema eccezzjoni kienet illi t-talbiet tal-atturi ma jsegwux mill-premessi fis-sens illi r-rekwiziti ta' l-azzjoni ta' spoll huma d-detenzjoni ta' liema xorta tkun jew il-pussess, u l-atturi premettew il-propjeta' u konsegwentement ir-rekwiziti tal-azzjoni ta' spoll ma jirrizultawx.

Illi l-konvenut Farrugia b'digriet tal-11 ta' Lulju, 1996, gie awtorizzat jappella minn din is-sentenza, liema sentenza giet **konfermata mill-Qorti**

**tal-Appell permezz ta' sentenza tas-7 ta' Ottubru, 1997**, bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-konvenut Martin Farrugia u l-atti tal-kawza gew rinvijati quddiem din il-Qorti ghall-fini tal-prosegwiment taghha skond il-ligi.

**PROVI**

L-attur **Paul Saydon** fol. 19-27 xehed li huwa wiehed mill-propjetarji, flimkien ma' hutu, l-atturi l-ohra ta' ghalqa Ta' l-Ibragg maghrufa bhala 'San Nikola', liema ghalqa huma wirtu fl-1944. Fit-23 ta' Awissu, 1993, sar jaf li kien hemm xi nies qed ihammlu l-hamrija f'din l-ghalqa. L-ghada mar l-ghalqa akkompanjat minn huh u sab lil wiehed bennej jismu Joe Muscat flimkien mal-lavrant tieghu Jimmy Borg. Dawn tal-ahhar kienu qed jippjanaw biex itellghu hajt izda x-xhud waqqafhom u qalilhom li l-art kienet tieghu u ta' hutu. Muscat u Borg qalulu li huma kienu gew imqabbdin mill-konvenuti. Ix-xhud jghid li huwa nduna li dahlu fuq parti mill-art tieghu ghaliex qabel kien hemm is-sinjali. Kien hemm sinjal mal-hajt tal-punent, gebla kbira b'sinjal iswed li kienet tiddemarka l-art li xtraw il-konvenuti. Ix-xhud jghid li l-konvenuti nehhew dawn is-sinjali. Huwa jsostni wkoll illi l-konvenuti kienu a konoxxenza ta' dawn is-sinjali ghaliex fl-1986 huma kienu avvicinaw lilu u lil huh sabiex jixtru l-art. Il-konvenut Farrugia kien addirittura ghamel konvenju sabiex jixtri bicca mill-art minghand ix-xhud u hutu f'Settembru 1992.

Ix-xhud jghid li s-sinjali li ghalihom ghamel riferenza kienu ilhom hemm minn dejjem. Il-konvenuti dahlu fuq tnax il-pied u nofs mill-art propjeta' tal-atturi jghid dan ix-xhud u ghamel riferenza ghall-pjanta maghmula mill-Perit Genovese imqabbad mill-atturi.

Meta marru fuq il-post, xi ftit wara gew Pecorella u Lautier izda dawn sostnew li ma kienux invadew il-propjeta' tal-atturi u l-atturi ghalhekk prezentaw protest gudizzjarju u sussegwentement din il-kawza.

L-attur **Carmelo Saydon** fol. 28-29 ikkonferma dak kollu li qal huh.

Il-**Perit Joseph Genovese** prodott mill-atturi fol. 37-50 xehed li f'Awissu tal-1986, gie mqabbad mill-ahwa Saydon jaghmel survey f'ghalqa Ta' l-Ibragg. Din il-pjanta giet esibita a fol. 35 tal-process. Huwa mar fuq il-post akkompanjat mill-ahwa Saydon. Kien hemm ghalqa kbira li parti minnha kienet tal-ahwa Saydon u parti minnha ta' haddiehor. Bejn il-propjetajiet kien hemm zewg posti fin-nofs bil-gebel imdefsin fil-hamrija. Kien hemm posta ma' hajt minnhom man-naha tal-lvant u ohra man-naha tal-punent. Man naha tal-punent il-hajt kien gholi u ghalhekk kien hemm sinjal twil iswed mal-hajt apparti l-posta.

Dak iz-zmien kien hemm xi toroq proposti u l-art ta' Saydon kienet ser tinqasam fi tlett bicciet izda sal-llum dawn it-toroq ma nfethux (indikati fuq il-pjanta Dok. PS1). Fuq il-pjanti hemm ukoll indikat arblu tad-dawl li jinsab 2-3 piedi mil-linja tat-triq.

Xi erbgha jew hames snin wara li sar dan is-survey, ix-xhud jghid li rega' gie avvicinat mill-ahwa Saydon sabiex jerga' jmur fuq il-post u jkejjel ghaliex huma kienu qed jallegaw li xi hadd kien dahal fuq parti mill-ghalqa taghhom. Huwa mar fuq il-post, kejjel u sab li dan kien minnu u dan kien sar minn naha tal-punent. Ix-xhud jghid li meta kejjel originarjament huwa kien rabat il-kejl ma' bini li kien diga ezistenti.

Meta mar fuq il-post it-tieni darba f'Awissu 1993, ix-xhud jghid li kkonstata li kien hemm bini qed jokkupa kwazi l-art kollha tal-atturi. Ix-xhud indika l-parti li giet okkupata bhala dik immarkata bejn X u X, parti orizontali, dejqa u tawwalija li qeghda l-isfel mit-toroq. Hemm hajt mibni, gholi aktar min sular. Ix-xhud isostni li ma baqghux hergin sat-triq minhabba l-arblu tad-dawl.

Ix-xhud jghid li s-sinjali li kien hemm meta huwa ghamel is-survey fl-1986, tnehhew ghal kollox meta sar l-izvilupp. Huwa ma jafx min nehhihom izda jipprezumi li kienet l-istess persuna li hammlet il-hamrija.

In kontro ezami ix-xhud stqarr li meta mar jaghmel is-survey huwa ma kellux pjanti tal-provenjenza tal-art izda mexa fuq dak li ndikawlu l-ahwa Saydon u fuq il-posti li kien hemm. Hu jaf li l-art tal-atturi kienet mahduma minn xi bidwi. Ix-xhud ma jiftakarx li l-ahwa Saydon kienu ndikawlu xi raguni partikolari ghaliex rieduh jaghmel is-survey.

**John Muscat** prodott mill-attur fol. 62-64 xehed li huwa jahdem bhala bennej u f'Awissu 1993 kien qed jahdem flimkien ma' lavrant tieghu fil-villa tal-konvenut Pecorella f'Ta' l-Ibragg. Xogholu kien li jibni l-villa minn barra sa gewwa. Lil Saydon kien ilu jafu u dan kien qallu li kellu tomna art f'Ta' l-Ibragg.

F'Awissu 1993 meta kienu qeghdin jaghmlu l-'findings' fil-villa ta' Pecorella u kienu qeghdin jibnu hajt, kien gie Saydon akkompanjat minn huh u kien staqsa lix-xhud min kien qabbdu jaghmel dak ix-xoghol u huwa kien irrisponda li kien qabbdu sid il-villa u sid l-art. F'dan l-istadju Saydon qallu biex jieqaf ghaliex l-art kienet tal-ahwa Saydon.

Ix-xhud qal li Pecorella kien qabbdu jibni l-hajt mit-tarf fejn hemm il-bricks ghal sal-arblu. Sinjali mal-arblu jew qabel l-arblu ma kienx hemm. Wara li kellmu Saydon, huwa xorta kompla jibni l-hajt ghaliex kien qabbdu Pecorella u Pecorella qallu biex ikompli ghaliex l-art kienet tieghu. L-art ma kienx fiha hitan.

In-kontro ezami l-istess xhud qal li x-xoghol fil-villa kien bdieh xi sena qabel (1992) u spicca fl-1993. Ix-xoghol fuq il-hajt kien qed isir qrib l-10 ta' Awissu, 1993, u qabel kien sar it-thammil ta' din il-bicca art.

**Lino Mifsud** prodott mill-attur fol. 65-66 xehed li huwa lavrant ma' Muscat. Huwa gie muri r-ritratt esibit a fol. 60 tal-process u kkonferma li dan kien il-hajt li bnew ghall-konvenut Pecorella f'Awissu 1993. Dan il-hajt kien wassal sa hdejn l-arblu. Huwa ma jiftakarx li kien hemm xi sinjali fejn kienu qeghdin jahdmu. Jiftakar li kien gie Saydon u hadlu ismu.

**Jimmy Borg** fol. 80-82 xehed li huwa jahdem ta' bennej u qal li l-konvenut Lautier kien qabbdu jaghmillu xi xoghol fil-propjeta' tieghu f'Ta' l-Ibragg. L-attur Saydon kien mar waqqfu milli jaghmel dan ix-xoghol, u precizament waqt li kien qed jibni hajt, ghaliex sostna li konna dhalna fuq l-art tieghu. Il-konvenut Lautier kien tah istruzzjonijiet biex ikompli jibni l-hajt u huwa hekk ghamel. Ix-xhud jghid li sa fejn jiftakar hu, ma kienx hemm marki fl-art in kwistjoni izda Saydon semma' xi marki li kienu tnehhew. Ix-xhud gie muri zewg ritratti a fol. 75 sa 78 tal-process u kkonferma li huwa hadem ma' gemb il-post indikat f'dawn ir-ritratti izda ma kellux x'jaqsam mat-trench mimli konkos li jidher f'dawn ir-ritratti. Dak li hemm indikat fir-ritratti m'huwiex tal-konvenut Lautier skond dan ix-xhud. Lauitier ma qallux biex jestendi l-hajt izda biex iwassal il-hajt sal-arblu tad-dawl. Fejn kien hemm l-arblu tad-dawl kien hemm hamrija u haxix.

Il-konvenut **Ian Pecorella** fol. 105-107 xehed li meta nbena l-*boundary wall* kien hemm bidwi, Cikku Aquilina, jahdem fl-ghalqa izda x-xhud jghid li ma jafx b'liema titolu Aquilina kien jokkupa l-ghalqa. Dan Aquilina kien indika lix-xhud it-tomna art ta' Saydon u li kien jahdem hu. Ix-xhud inkariga surveyor, Randolph Camilleri, sabiex ikejjel l-artijiet kollha ta' fejn kienet l-art ta' Saydon li kienet kwazi fejn l-arblu. Meta wasal biex jaghlaq, ix-xhud qal li ddecieda flimkien ma' shabu li jtella' l-*boundary wall* u l-bidwi ma oggezzjonax peress li huma ma kienux dahlu fl-ghalqa tieghu. Huma mxew skond is-survey ta' Randolph Camilleri. Ix-xhud isostni li ma kienx hemm marki jew sinjali bl-iswed jew hitan bejn art u ohra. Fid-dokument esibit a fol. 75 hemm indikata l-art tax-xhud. Ix-xhud jirribatti li huwa ma dahalx fl-art tal-bidwi izda wasal sa ftit qabel l-arblu

tad-dawl. Meta huwa kien qieghed jibni l-*boundary wall* anki l-konvenuti l-ohra Farrugia u Lautier kienu qed jestendu l-hajt taghhom sal-arblu. Fejn hemm l-arblu hemm art u mhux haxix.

Lis-Surveyor Randolph Camilleri (survey esibit a fol. 167 - 168 tal-rocess), ix-xhud kien qabbdu sabiex jiddetermina l-konfini halli ma jidholx fuq art haddiehor. Hu kien qabbdu qabel ma ha l-art *'extra'*. Fil-kuntratt fejn xtara l-art, ix-xhud kellu cirka mitejn u ghoxrin (220) pied. Mis-survey ta' Camilleri hemm bicca art li hija ndikata bhala '*no man's land*' u dan kien ikkonfermah il-bidwi Cikku Borg. Fis-*survey* ta' Camilleri hemm indikata it-tomna art tal-familja Saydon u din l-art ma gietx mimsusa. L-art li x-xhud jiddefinixxi bhala '*no man's land*' kien qed jahdimha Cikku Borg. Ix-xhud jghid li huwa ma nvada ebda art ta' haddiehor u jippretendi li l-art li hija '*no man's land*' hija tieghu. Ix-xhud jghid ukoll li lil Saydon ma hassx li kellu bzonn ikellmu u li dak iz-zmien ma kienx jaf li kien hemm kwistjoni bejn Saydon u l-bidwi Cikku Borg. Huwa kien avvicina lil Saydon biex jghaddilu din l-art izda ma kienux qablu fuq prezz u ghalhekk ma sar xejn. F'dan l-istadju x-xhud beda jaghmel ir-ricerki u qabbad lis-surveyor Camilleri. L-awtur tieghu u cioe' Frank Degiorgio, kien qallu li l-art tasal sa hdejn l-arblu.

Meta kellem lill-gabillott huwa ma kienx jaf jekk dan kienx qed ihallas xi kera jew le. Meta kellmu dan tal-ahhar indikalu liema kienet it-tomna art li wiret Saydon liema art huwa kien jahdem u li ghadu jahdem sal-llum. Meta muri Dok. PS huwa qal li dik kienet il-propjeta' tal-konvenut Farrugia.

**Frank Degiorgio** prodott mill-attur fol. 203-206 qal li huwa kien biegh bicca art maghrufa bhala Tal-Franciz lill-konvenuti Farrugia u Pecorella. Meta huwa xtara l-art kien ha surveyor sabiex ikejjel u jimmarka biz-zebgha fuq il-hajt u fuq il-gebel li kien hemm. Din il-bicca xoghol saret qabel ma nbieghet l-art lil Pecorella u lil Farrugia. Huwa sar jaf lil Saydon meta biegh l-art. Huwa xtara l-art minghand certu Dennis Mifsud li kien

qallu li l-art hemmhekk kienet ta' Saydon. Huwa ghalhekk kien avvicina lil Saydon biex jara ghandux aktar art xi jbiegh izda dan tal-ahhar ma riedx ibiegh. Ix-xhud jghid li xtara l-art minghand Mifsud bil-kejl li hemm indikat fil-kuntratt. Sa fejn jaf hu, il-marki li kien ghamel is-surveyor kienu ghadhom hemm meta biegh l-art lil Farrugia u Pecorella. L-art huwa kien hammilha u halliha munzell hamrija minn fejn jispicca dan il-kejl. Fejn jispicca dan il-kejl kien hemm arblu tad-dawl u *piu' o meno* l-art kienet tispicca hdejn l-arblu. Lil Farrugia u lil Pecorella ix-xhud isostni li sa fejn jiftakar hu kien indikalhom il-qsami maghmula mis-surveyor.

In kontro ezami ix-xhud qal li Mifsud illum huwa mejjet u li meta xtara l-art kien hemm pjanta annessa mal-kuntratt. L-istess pjanta giet annessa mal-kuntratt meta nbieghet l-art lil Pecorella.

**Randolph Camilleri** prodott mill-attur fol. 205-206 kkonferma s-*survey* maghmul minnu fl-1992. Huwa kien gie nkarigat jaghmel dan is-*survey* mill-konvenut Pecorella. Qasam l-*area* ta' Pecorella, Lautier u Farrugia (li kienet diga' mibnija). L-*area* li kien fadal, li kienet koltivata kienet tomna. B'hekk ix-xhud zied jghid li kien baqa' *area* li huwa sejhilha lot numru 4 u li kien fiha mitejn u hdax (211) metru kwadru li ddefiniha bhala '*no man's land*'. Ma jiftakarx jekk din l-*area* kienitx koltivata jew le.

Ix-xhud jghid li meta kien qed jara l-pjanta qabel ma beda jixhed innota marka mal-hajt izda ma jafx jekk din il-marka kienitx maghmula minnu. Huwa kien issuggerixxa lil Pecorella sabiex ikompli mal-linja tal-hajt tas-sur Farrugia. Huwa ma jiftakarx jekk kienx hemm xi divizjoni bejn in-'*no man's land*' u l-hajt ta' Saydon. Meta f'kuntratt tissemma' figura tal-*area* ta' plot dejjem jittiehdu hamsa fil-mija (5%) l'hawn u l'hemm. Biex hareg it-tomna huwa kejjel l-art ta' Saydon u l-hamsa fil-mija (5%) tapplika kemm ghall-art ta' Pecorella kif ukoll ghall-art ta' Saydon. Meta huwa ghamel is-*survey* kellu kopja tal-kuntratt ta'   meta xtara Pecorella.

**Martin Farrugia** in kontro ezami fol. 210-211 wiegeb u kkonferma li bejn l-art li xtara u l-art in kwistjoni kien hemm qsami biz-zebgha. Meta sar is-*survey* il-qsami tnehhew ghaliex gie stabbilit li kienu f'posizzjoni hazina. Minghand min xtara l-art kien qallu li l-qsami probabilment kienu f'posizzjoni hazina. Ix-xhud jghid li meta okkupaw dik il-bicca art, din kienet ikkoltivata. Huwa hallas hames mitt lira Maltin (Lm500.00) lil min kien qed jokkupa l-art sabiex jizgombra u fil-fatt dan hekk ghamel minghajr ebda oggezzjoni. Huwa ma kienx jaf li l-bidwi ma kienx is-sid ta' dik l-art. Dan sar jafu meta qallu Saydon. Huwa kien ghamel konvenju ma' Saydon izda meta wasal biex jaghmel il-kuntratt skopra li kien hemm dawn il-problemi bejn Saydon u l-bidwi u problema ohra dwar il-qsim. Huwa prezenta kawza ghad-danni kontra Saydon stante li dan kien ser ibieghlu propjeta' li ma kienitx tieghu. Huwa kkonferma li t-tomna raba li hemm fil-kuntratt ta' Saydon ghadha tezisti.

**Oliver Lautier** prodott mill-attur fol. 230-231 xehed li huwa qal li propjetarju ta' plot vicin dik tal-konvenut l-iehor Pecorella u li meta gie biex jaghmel il-hajt divizorju fuq in-naha ta' wara kien tkellem ma' Farrugia u Pecorella dwar il-linja. Pecorella kien inkariga lil xi hadd jaghmel survey fuq l-art taghhom u tan-naha l-ohra u rrizulta li tan-naha l-ohra kellu jkollu tomna raba. Ix-xhud stqarr li huwa qabel ma' din ir-ricerka u li ghahekk sar il-hajt divizorju linja wahda. Huwa jiftakar li fil-bidu nett kien hemm qsami forma ta' gebel izda ma jiftakarx li kien hemm zebgha fuq il-hitan. Meta sar is-*survey* il-qsami tal-gebel ma kienux hemm. L-art in kwistjoni kienet mahduma minn gabillott izda ix-xhud jghid li huwa qatt ma kellmu lill-gabillott. Lanqas Saydon qatt ma kellmu fuq il-kwistjoni.

In kontro-ezami ix-xhud qal li kien hallas xi flus biex il-bidwi jitlaq u li sa fejn jiftakar hu il-bidwi kien telaq qabel ma sar is-*survey* minn Camilleri.

**KONSIDERAZZJONIJET**

L-azzjoni tentata mill-atturi hi dik ta' spoll privileggjat. Hu pacifiku li min javvanza din l-azzjoni jrid jipprova t-tlett elementi kostitutivi tal-azzjoni biex jittantaha b'success. Dawn huma l-**pussess** (*possedisse*), **l-att spoljativv** (*spoliatum fuisse*) u li dan l-att sar **fi zmien xaghrejn** qabel giet intavolata l-azzjoni (*infra bimestre deduxisse*). Ma humiex permessi l-eccezzjonijiet ta' natura petitoria u l-indagini tal-Qorti trid tkun strettament arginata biex tistabilixxi li jirrikorru l-elementi tal-azzjoni.

Il-konvenuti Pecorella u Lautier qed jeccepixxu li l-azzjoni attrici hija perenta peress li ma gietx istitwita fit-terminu u skond it-termini tal-ligi.

Mill-provi prodotti pero’ jirrizulta li l-atturi kienu saru jafu li l-konvenuti dahlulhom fl-art fit-23 ta’ Awissu, 1993 u pprezentaw il-kawza fl-10 ta’ Settembru, 1993 meta lanqas kien ghadda xahar.  Is-*survey* li kien ghamel il-Perit Genovese fil-1986 ma kellux x’jaqsam ma din il-kwistjoni. Il-konvenuti fil-fatt invadew l-art f’ Awissu 1993 u mhux qabel.

Fil-mertu l-konvenuti kollha qed jeccepixxu l-eccipjenti ma nvadew ebda art propjeta' tal-atturi u l-art li okkupaw kienet taghhom u huma ma messewx it-tomma art li kellhom Saydon.

L-atturi qed jikkontendu li l-bicca art li nvadew il-konvenuti (pjanta fol. 35/36 minn X sa X) hija taghhom u li l-konvenuti kienu jafu li l-art ma kinitx taghhom. L-atturi xehedu li l-konvenuti dahlulhom 12 il pied u nofs fl-art taghhom u dana setghu jikkostatawh billi kien hemm sinjali fuq l-art u li dawn kienu ilhom hemm hafna. Il-konvenuti kienu jafu bihom u nehhewhom meta hammlu l-art. Il-konvenuti kienu a konoxxjenza ta’ dawn is-sinjali ghaliex fil-1986 huma kienu avvicinawhom sabiex jixtru l-art u l-konvenut Farrugia kien addiritura ghamel konvenju sabiex jixtri bicca mill-art minghandhom f’ Settembru 1992. Pecorella ikkonferma (ara fol. 171) li hu kien avvicina lill Saydon biex jghaddilu din l-art imma billi ma qablux fuq prezz ma kienx hadha, imbaghad ghamel ir-ricerki tieghu u

qabdu u hadu din l-art billi qal li kienet ‘*no man’s land’*.

Konferma ohra li kien hemm dawn is-sinjali hija gejja mill-Perit Genovese li fil-1986 kien ghamel *survey* (fol. 35/36) ta’ l-art fuq inkarigu ta’ l-atturi. Hu xehed li bejn il-propjetajiet kien hemm zewg posti fin-nofs bil-gebel imdefsin fil-hamrija. Kien hemm posta ma’ hajt minnhom man-naha tal-lvant u ohra man-naha tal-punent. Imbaghad xi 4/5 snin wara, f’Awissu 1993, l-atturi kienu qalulu biex jerga jmur fuq il-post u rega kejjel u sab li kienu dahlu fl-art ta’ l-atturi fil-part X sa X - parti orizzontali, dejqa u tawwalija, ara dok fol. 35/36 pjanta PS1.

Konferma ohra li kien hemm sinjali u li l-konvenuti kienu jafu bihom hija x-xhieda ta’ Degiorgio li kien biegh l-art lill konvenuti. Hu xehed li meta hu xtara l-art minghand certu Mifsud, illum mejjet, kien ha *surveyor* sabiex ikejjel u jimmarka biz-zebgha fuq il-hajt u fuq il-gebel li kien hemm. Din il-bicca xoghol saret qabel ma biegh l-art lill Pecorella u lill Farrugia. Hu kien xtara l-art bil-kejl li hemm indikat fuq il-kuntratt. Sa fejn jaf hu il-marki li kien ghamel is-surveyor kienu ghandhom hemm meta biegh l-art lill Farrugia u Pecorella. Sa fejn jiftakar, lill konvenuti kien indikalhojm il-qsami. Meta xtara l-art kien hemm pjanta annessa mal-kuntratt. L-istess pjanta giet annessa mal-kuntratt meta nbieghet l-art lill Pecorella.

Il-konvenut Pecorella xehed li meta wasal biex jaghlaq il-villa, iddecieda flimkien mal-konvenuti l-ohra li jtella’ *boundary wall* u l-bidwi m’oggezzjonax peress illi huma ma kienux dahlu fl-ghalqa tieghu. Hu kien qabbad *surveyor*, Randolph Camilleri u dan ikkonfermalu li t-tomma art ta’ Saydon ma kinitx tmesset. L-art indikata bhala *no man’s land* fis-*survey* ta’ Camilleri kien qed jahdima Cikku Borg. Pecorella jippretendi li l-art kienet tieghu. Hu qal li ma kienx jaf li kien hemm kwistjoni bejn Saydon u Cikku Borg. Il-konvenuti l-ohra imxew fuq ir-ricerki li ghamel Pecorella.

Mill-provi prodotti l-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt il-konvenuti kienu

jafu li l-art li huma okkupaw ma kinitx taghhom. Dak gie pruvat li kienu ppruvaw jixtruha minghand Saydon u kien hemm sinjali li jindikaw li l-art kienet separata minn taghhom. Rigward l-argument li t-tomna art ta' Saydon baqghet ma tmissitx il-Qorti tirrileva li jekk kien hemm xi parti li kienet *no man's land* ma jfissirx li kienet tal-konvenuti. Mill-provi prodotti jirrizulta li din l-art kienet ta' Saydon u mhux *no man's land* u li kien hemm kawza maghmula mill-atturi kontra il-gabillott ghar-ripresa taghha. Jirrizulta li l-art kienet fil-pussess ta' Saydon (ara sentenza preliminari tas-27 ta' Gunju, 1996 ) u l-konvenuti ma setghux jispussessawhom kontra l-ligi.

Konsgwentement it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti Tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti kkommettew spoll meta nvadew, hammlu u bnew fuq l-art propjeta' ta' l-atturi (ara fol. 35/36). Tikkundannhom sabiex jirrestitwixxu l-imsemmija art fil-pussess tal-atturi u dan fi zmien tlett xhur mil lum

Spejjez ghall konvenuti

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Frankie Mercieca**
**DEPUTAT REGISTRATUR**